MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1066/2010

**Maria Dolores sive Doreen Mercieca**

**vs**

**Donald Joseph Brownrigg u Sonia Flores**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tal-20 ta’ Ottubru 2010 li jghid hekk;

Illi kif jidher mill-iskrittura bejn il-kontendenti tat-23 ta’ Settembru 2009 (kopja ta’ liema hija hawn annessa bhala Dok. A) ir-rikorrenti kienet f’diversi okkazzjonijiet silfet lill-intimati flus li jammontaw komplessivament fis-somma ta’ €81,528.07 u dan biex huma jistabilixxu intrapriza kummercjali maghrufa bhala ”Chiroscuro” fi Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta;

U peress illi l-intimati obbligaw rwiehom li jhallsu lura l-imsemmija somma ta' €81,528.07 f'pagamenti annwali ta' €16,279.07 bl-ewwel sena tiddekorri mill-1 ta' Ottubru 2009 u dan f'pagamenti minimi ta' €450 fix-xahar;

U peress illi sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors l-intimati hallsu biss €3,600.00 meta li kieku osservaw il-pattijiet ta' l-imsemmija skrittura huma messhom hallsu €16,279.07 akkont;

U peress illi ghalhekk l-intimati kisru l-obbligi taghhom dwar kif ghandhom ihallsu d-debitu taghhom lir-rikorrenti;

U peress illi l-istat ta' l-intimati tbiddel tali li l-hlas tal-kreditu tar-rikorrenti gie ipperikolat;

U peress illi ghalhekk l-intimati ddedadew mill-beneficcju taz-zmien u fi kwalunkwe kaz l-iskrittura fuq imsemmija hija xolta ipso iure jew jekk hu l-kaz ghandha tigi xolta;

U peress illi l-intimati baqghu ma hallsux minkejja li gew interpellati biex ihallsu permezz ta' ittra ufficjali datata 22 ta' Lulju 2010;

U peress illi r-rikorrenti taf bil-fatti suesposti personalment;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett, previa id-dikjarazzjonijiet necessarji u wara li jinghataw il-provvedimenti opportuni, li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, illi l-intimati ddedadew mill-beneficcju tat-terminu;

2. Tiddikjara, jekk hemm bzonn, xolta ipso iure u, jekk hemm bzonn ukoll, xxolji l-iskrittura fuq imsemmija tat-23 ta' Settembru, 2009 bejn il-kontendenti;

3. Tiddikjara illi l-ammont dovut u ezigibbli mill-intimati lir-rikorrenti huwa ta' €78,828.07;

4. Tikkundanna lill-intimati solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta’ €78,828.07 rapprezentati bilanc ta’ flus mislufa mir-rikorrenti lill-intimati;

Bl-imghax tat-8% dekorribbli mill-1 ta’ Mejju 2010 u cioe l-ewwel tax-xahar wara d-data ta’ l-ahhar pagament maghmul mill-intimati lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat- 22 ta’ Lulju 2010 u tal-mandat ta’ sekwestru il-hrug ta’ liema gie mitlub kontestwalment mal-prezentata ta’ dan ir-rikors;

Rat il-lista tax-xhieda tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Novembru 2010 fejn l-intimati ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors guramentat, u dan bil-gurament taghhom stess quddiem il-Qorti;

Rat ukoll l-istess verbal fejn ir-rikorrenti bil-gurament taghha stqarret li ma kienet thallset xejn minn dak dovut lilha;

Billi mill-ammissjoni ta’ l-intimati, it-talba dedotta fir-rikors guramentat tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni ta’ l-intimati, tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat b’dan li jigi dikjarat li l-iskrittura datata 23 ta’ Settembru 2009 bejn il-kontendenti qed tigi xolta ipso iure ghax l-istess intimati ddekadew mill-beneficju tat-terminu, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati, u bl-imghax kif mitlub sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------